



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, id-19 ta' Diċembru 2019

# L-awdituri fl-UE kollha jiskrutinizzaw is-saħħa pubblika

**Ħarsa ġenerali lejn kif l-awdituri fl-Unjoni Ewropea kollha jiskrutinizzaw is-saħħa pubblika għet ippubblikata llum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) f'isem il-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet supremi tal-awditjar (SAIs) tal-UE. B'kollox, 24 SAI kkontribwew għal dan it-tieni Kompendju tal-Awditjar maħruġ mill-Kumitat ta' Kuntatt.**

Is-saħħa pubblika taqa' prinċipalment taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, u dan jirriżulta f'differenzi konsiderevoli fost is-sistemi tas-saħħa. L-UE tappoġġa l-isforzi li jsiru fil-livell nazzjonali u tiffoka speċifikament fuq li tikkomplementa jew tikkoordina l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri. Matul l-aħħar għexieren ta' snin, is-sistemi nazzjonali tas-saħħa kienu qed jiffaċċjaw għadd kbir ta' sfidi, bħal spejjeż li dejjem qed jiżdiedu, popolazzjonijiet li qed jixjieħu, jew pazjenti kif ukoll professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li qed isiru dejjem aktar mobbli.

*"Is-saħħa pubblika tirrikjedi sforzi kkoordinati bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u, mingħajr dubju, is-suġġett se jkompli jkollu pożizzjoni prominenti fuq l-aġenda politika għall-ġenerazzjonijiet li jmiss," qal il-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Klaus-Heiner Lehne. "Għalhekk huwa essenzjali li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar is-sejbiet reċenti tal-awditjar fl-UE kollha."*

Il-Kompendju jipprovdi xi informazzjoni ġenerali dwar is-saħħa pubblika, kif ukoll dwar il-bażijiet ġuridiċi, l-oġettivi prinċipali u r-responsabbiltajiet relatati tagħha fil-livell tal-Istati Membri u dak tal-UE. Il-Kompendju juri wkoll l-isfidi prinċipali li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw f'dan il-qasam. Is-saħħa pubblika hija qasam li huwa kumpless biex jiġi awditjat. Minkejja dan, l-għadd kbir ta' awditi li twettqu fi snin reċenti jirrifletti s-sinifikat kbir ta' dan il-qasam għaċ-ċittadini tal-UE.

Il-Kompendju jibbaża fuq riżultati reċenti ta' awditi li twettqu mill-QEA u mis-SAIs ta' 23 Stat Membru tal-UE: il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja. Dawn l-awditi indirizzaw aspetti importanti tal-prestazzjoni u skrutinizzaw kwistjonijiet differenti relatati mas-

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-kompendju tal-awditjar maħruġ mill-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-UE u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

saħħa pubblika, bħall-prevenzjoni u l-protezzjoni, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u l-kwalità tagħhom, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u s-Saħħa-e, kif ukoll is-sostenibbiltà fiskali tas-servizzi tas-saħħa pubblika.

**Noti lill-edituri:**

Dan il-kompendju tal-awditjar huwa riżultat tal-kooperazzjoni bejn is-SAIs tal-UE u l-Istati Membri tagħha fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-UE. Huwa maħsub bħala sors ta' informazzjoni għal kull min huwa interessat f'dan il-qasam importanti ta' politika u se jkun disponibbli f'qasir żmien fuq is-[sit web](#) tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-UE bi 23 lingwa tal-UE.

Din hija t-tieni edizzjoni tal-Kompendju tal-Awditjar maħruġ mill-Kumitat ta' Kuntatt. L-ewwel edizzjoni dwar il-[qgħad fost iż-żgħażaġħ u l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol](#) ġiet ippubblikata f'Ġunju 2018.

Il-Kumitat ta' Kuntatt huwa assemblea awtonoma, indipendenti, u mhux politika, tal-kapijiet tas-SAIs tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Dan jipprovdi forum biex jiġu diskussi u indirizzati kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-UE. Billi jsaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni fost il-membri tiegħu, il-Kumitat ta' Kuntatt jikkontribwixxi għall-effettività u l-indipendenza tal-awditjar estern tal-politiki u l-programmi tal-UE.